MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 149/1994/1

Michael, Salvu u Francis ahwa Tabone .

vs

John Cefai,
Emmanuel Schembri u Lino Zammit fil-kwalita' taghhom ta' President u Segretarju rispettivament tal-Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjali Limited, u b'nota tat-2 ta' Novembru, 1994 l-avukat Dottor George J. Cutajar assuma r-rapprezentanza guridika tal-konvenut Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjal Limited minflok Emanuel Schembri u Lino Zammit .
Id-Direttur, Dipartiment tal-Agrikoltura u Sajd .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma l-proprjetarji ta’ razzett tal-majjali regolarment licenzjat skond il-Ligi.

Illi fit-tletin (30) ta’ Mejju tal-elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) l-atturi bhal f’okkazjonijiet ohra hadu numru ta’ majjali ghall-qatla fil-biccerija ta’ Ghawdex sabiex skond ma hija l-procedura stabbilita, dawn jittiehdu mill-Koperattiva ta’ Min Irabbi l-Majjali Limited ghat-tqassim lil tal-hwienet .

Illi l-majjali kollha maqtula fit-tletin (30) ta’ Mejju tal-elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) gew regolarment approvati mill-veterinarju tal-biccerija .

Illi sussegwentement il-Koperattiva ddecidiet li numru minn dawn il-majjali jittiehdu ghad-distribuzzjoni Malta .

Illi l-garr ghal Malta sar mill-konvenut John Cefai .

Illi l-Koperattiva qed tirrifjuta li thallas il-prezz li jirrizulta dovut skond il-piz u l-*grading* tal-biccerija ta’ Ghawdex, billi qed tallega li dawn ma gewx approvati mill-veterinarju tal-biccerija f’Malta u suppost mill-veterinarju tal-biccerija f’Malta u suppost li whud minnhom gew distrutti u ohrajn tnaqsilhom il-*grading .*

Illi fil-mument tal-konsenja lill-Koperattiva, l-majjali msemmija kienu tajba ghal konsum u kellhom il-*grading* stabbilit fil-biccerija ta’ Ghawdex.

Illi d-differenza fil-prezz ta’ dawn il-majjali li l-Koperattiva ta’ Min Irabbi l-Majjali Limited qed tirrifjuta li thallas huwa ta’ erba’ mija u hamsa u tletin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm435.79) .

Illi minkejja bosta talbiet il-konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu dan il-prezz.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli fil-konfront tal-atturi tal-hlas tal-bilanc tal-prezz imsemmi ta' erba' mija u hamsa u tltin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm435.79) jew kull somma ohra li tigi likwidata minn din il-Qorti .

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu din is-somma .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita f'Gunju 1994 .

Il-konvenut mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qeghdin jigu ngunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Michael Angelo Tabone .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-avukat Dottor George Cutajar ghan-nom tal-Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjal Limited li biha eccepixxa illi:

1. It-talba tal-atturi kwantu diretta lejn il-konvenut Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjali Limited hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-imsemmija koperattiva qatt ma hadet konsenja tal-majjali u ergo m'ghandha thallas xejn lill-atturi .

*2.* Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine minnu mahlufa .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Cefai li biha eccepixxa :

1. Illi huwa qatt ma kellu x'jaqsam xejn mal-atturi u ghalhekk dawn m'ghandhomx l-interess guridiku illi jharrkuh f'din il-kawza ;

2. Illi bla pregudizzju ghal premess, il-majjali ittiehdu l-biccerija f'Malta u wara ghad-distribuzzjoni

f'Malta skond kif kien soltu jsir mill-Koperattiva konvenuta f'okkazjonijiet simili meta jkun hemm *surplus* tal-laham tac-canga fil-gzira ta' Ghawdex, u dan bil-kunsens tal-produtturi tal-majjali f'Ghawdex ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu mahlufa .

Innotat illi l-konvenut l-iehor Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd, debitament notifikat bic-citazzjoni, baqa' kontumaci .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet ta' l-atturi u tal-konvenut Cefai .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qed jirreklamaw il-bilanc tal-prezz dovut lilhom ghall-bejgh ta' tnejn  u tletin (32)  ras ta' majjal li ghamlu fit-30 ta' Mejju 1994 .  Bhala membri tal-koperattiva konvenuta huma segwew il-procedura tas-soltu u, wara li ntalbu minnha sabiex jiehdu numru specifiku ta' majjali l-biccerija ta' Ghawdex, dawn inqatlu, tnadfu, gew ezaminati u ccertifikati mill-veterinarju, ntiznu u nghataw il-*grade* misthoqq .  Per konsegwenza nghatawlhom zewg *grading sheets* (li kopji fotostatici taghhom gew esebiti bhala "Dok. JX u  J.X 1 a fol. 51 u 52), li fuqhom kellu jigi kkalkolat l-ammont  dovut lilhom .  Xi gimgha jew hmistax wara rcevew cekk minghand il-koperattiva, imma ndunaw illi kienet ghadha dovuta s-somma mitluba fic-citazzjoni .  X'hin indagaw dwar ir-raguni ghal dan, gew infurmati illi uhud mill-majjali li ttiehdu Malta, ghax kienu zejda ghat-talba f'Ghawdex, instabilhom xi nuqqasijiet mill-veterinarju tal-biccerija ta' Malta u ghalhekk ma gewx accettati ghall-konsum .

Il-koperattiva konvenuta qed tikkontendi illi qatt ma hadet konsenja tal-majjali  minghand l-atturi u ghalhekk

m'ghandha thallashom xejn . Imma mid-deposizzjoni tal-konvenut l-iehor John Cefai jirrizulta illi dan bhala distributur tal-koperattiva f'dawn il-gzejjer, kif dejjem jaghmel f'cirkostanzi simili, qassam parti mill-majjali ta' l-attur fil-hwienet f'Ghawdex, u l-bqija hadhom il-biccerija Malta bil-hsieb li jinbieghu fis-suq malti . Fi kliemu stess : "meta l-laham jidhol fil-biccerija, il-laham tal-kumpanija isir hemm hekk."

Hadd min-naha tal-koperattiva ma deher biex jikkontradici l-provi mressqa jew biex jaghti spjegazzjoni ta' x'gara ezatt f'dan il-kaz u ghaliex l-attur ma rceviex l-ammont dovut lilu skond il-*grading sheets* mahruga lilu .

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, gialadarba l-laham kien gie ccertifikat bhala tajjeb ghall-konsum uman mill-veterinarju tal-biccerija f'Ghawdex u sar il-*grading* relattiv, il-kunsinna tal-majjali ta' l-atturi ghaddiet f'idejn il-koperattiva bhal ma jidher illi hija l-procedura regolari, bil-konsegwenza illi l-atturi gew intitolati jigbru dak li jirrziulta li kien dovut lilhom skond il-kalkoli li kellhom jinhadmu a bazi tal-*grading sheets* moghtija lill-atturi. Jekk minn dak l-istadju 'l quddiem gara xi haga biex il-koperatttiva ma bieghetx il-kwantita' kollha li tirrizulta mill-*grading sheets* imsemmija, dan gara a riskju taghhom u m'ghandhomx imbaghad ibatu l-atturi ghal dan it-telf .

Il-konvenut Cefai ma rrizulta illi kellu ebda htija ghal dak li gara u di piu' kif jirrileva fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu, huwa ma kellu ebda relazzjoni kontrattwali ma' l-atturi . Kien inkarigat mill-koperattiva bhala distributur taghha u dak li kien qed iqassam kien sar taghha malli nhargu l-*grading sheets* relattivi, kif gia gie spjegat .

Il-konvenut Direttur tal-Agrikoltura u Sajd lanqas ma rrizulta b'ebda mod responsabbli ghal xi nuqqas sa fejn jirrigwarda l-pretensjoni ta'l-atturi .

L-atturi jippretendu l-hlas ta' bilanc ta' erba mija hamsa u tletin lira maltija u disa' u sebghin centezmu (Lm435.79) . Dan l-ammont gie anke kkonfermat mid-depozizzjoni tal-pizatur Joseph Xuereb (ara depozizzjoni tieghu a fol. 41-

50), u ghalhekk it-talba ghal din is-somma tirrizulta gustifikata .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tillibera lill-konvenuti John Cefai u d-Direttur tad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura u Sajd mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa’ t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut Dottor George Cutajar nomine responsabbli fil-konfront ta’ l-atturi ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz ta’ erba’ mija u hamsa u tletin lira maltija u disa’ u sebghin centezmu (Lm435.79) dovuti ghall-bejgh tal-majjali taghhom fit-30 ta’ Mejju 1994 u tikkundanna lill-istess konvenut nomine sabiex ihallas dan l-ammont lill-atturi .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali mibghuta f’Gunju 1994 kontra l-konvenut Dottor George Cutajar nomine .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------